MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2014

Numru. 442/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Oscar Cassar**

**Illum, 10 ta’ Ottubru, 2014**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Oscar Cassar, iben Grazio u Vincenza nee` Cassar, imwieled Zabbar fit-12 ta’ Lulju 1953, joqghod 137, Triq is-Santwarju, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita` numru 517953(M):

Akkuzat talli f’dawn il-gzejjer fit-23 u l-24 ta’ Marzu 2005:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenza mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi skur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN

292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) U aktar talli kiser kundizzjoni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' April 2004 mill-Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D., liema decizjoni saret definittiva.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' April 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma l-provi li kienu migjuba quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta, sa dakinhar;

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101) sabiex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Illi l-fatt li taw lok ghal dan il-kaz, fil-qosor, kienu s-segwenti: Fl-24 ta' Marzu 2005, wara li ghall-habta tas-1.00 p.m., il-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga

rceviet telefonata anonima, l-istess Pulizija marru fuq il-post indikat fit-telefonata ossia garaxx sitwat gewwa Triq il-Kunvent, Zabbar. Hemmhekk innutaw lill-imputat diehel fl-imsemmi fond, ghall-habta tas-1.15 p.m., waqqfuh u ghamlu tfittxija fil-garaxx fil-presenza tal-istess imputat. Fuq mejda nstabet siringa mimlija b'likwidu kannella suspettat eroina, zewg siringi uzati, seba' siringi godda ppakkjati, zewg pakketti *citric acid*, mgharfa, *tissue* x'aktarx bit-tbajja tad-demm, bicciet tal-*foil* u anke *wire* tal-elettriku/habel tan-*nylon* suspettat li jintuza bhala *tourniquet* u *lighter.* Dak il-hin waqt it-tfittxija dahal certu Noel Fenech li wkoll inzamm mill-pulizija ghal izjed investigazzjoni.[1] Tfittxija fuq il-persuna ta' Fenech irrizultat fin-negatttiv. L-Ispettur Grech esebixxa l-oggetti misjuba bhala Dok. PG1.

Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[2], jirrizulta illi l-esebit li huwa nghata sabiex jaghmel l-analizi minnu rikjesta kien fih is-segwenti oggetti: (i) karta li tindika d-data, l-hin u l-post minn fejn gew elevati l-oggetti, inkluz li dawn gew elevati fil-presenza ta' Oscar Cassar mill-Ispettur P. Grech, PS 1044 u PC 246; (ii) *lighter* ta' lewn hadra; (iii) habel ta' lewn blu u *wire*; (iv) siringi mhux uzati; (v) bicca *foil*; (vi) mgharfa; (vii) zewg kaxxi *citric acid*; (viii) envelop li kien fih *tissue* b'ticpis ta' demm; (ix) 3 siringi, 1 uzata bid-demm.

Jirrizulta wkoll mill-istess relazzjoni, illi fuq is-siringa ma setghux isiru analizi stante li din kienet blokkata. In oltre fuq *swab* mehuda mill-imgharfa, ma nstabitx droga.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fl-24 ta' Marzu 2005, wara li gie moghti d-debita twissija li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq illi jaghmel dan u li dak li jghid jista' jingieb bhala prova, l-imputat qal illi huwa kien jabbuza mill-eroina sa xi xahar jew xahrejn qabel u li kien jehodha bil-labra. Qal illi beda jabbuza mid-droga mis-sena 1979 meta kien ipejjep il-haxixa u wara ftit zmien, kien qabad il-vizzju tal-eroina, ghalkemm ghamel perjodi wieqaf matul

---

[1] Ara x-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech (a fol. 13 *et seq* tal-process); ix-xhieda ta' PS 1044 Gordon Calleja (a fol. 27 *et seq* tal-process)
[2] Ir-relazzjoni msemmija tinsab esebita a fol. 38 *et seq* tal-process.

dawn is-snin. Qal ukoll illi l-ahhar darba li kien ha l-eroina kien dakinhar stess u fil-jum ta' qabel. L-imputat stqarr illi fil-jum ta' qabel ghall-habta tal-11.00 a.m., Noel Fenech kien rah ftit il-boghod mill-garaxx tieghu, gewwa Triq il-Kunvent, Haz-Zabbar u staqsieh biex jiehdu l-eroina flimkien. Huwa qallu li ma kienx qed jiehu eroina u Fenech telaq, izda ftit tal-hin wara, Fenech rega' mar hdejh waqt li issa l-imputat kien qieghed fil-garaxx tieghu u qallu li kellu bzonn l-eroina. L-imputat mar jixtri l-eroina minn Bormla minghand guvni li ra miexi fit-triq, dan il-guvni offrielu li jmur jixtri d-droga ghalih, huwa tah Lm8 u dan il-guvni gablu pakkett eroina. Huwa mar fil-garaxx u kemm hu, kif ukoll Noel ittaqqbu bl-eroina li kien ghadu kemm xtara hu.

Fil-jum tal-istqarrija imbaghad, waqt li kien qieghed gewwa *snack bar* f'Haz Zabbar, xi nofsinhar rah Noel u ghamillu sinjal li ried ikellmu. Dan Noel qallu biex jergghu jiehdu d-droga bhal jum ta' qabel, Noel tah Lm4, l-imputat hareg Lm4 ohra u mar jixtri pakkett eroina minghand guvni li kien fil-hanut. Dan il-guvni tah pakkett eroina, ghal liema l-imputat hallsu Lm8, huwa rikeb fil-karozza ma' Noel u marru fil-garaxx tal-imputat biex jittaqbu bl-eroina. L-imputat stqarr illi huma preparaw l-eroina, l-imputat ikkonsma d-doza tieghu, izda Noel ma setax isib il-vina u uza aktar minn siringa wahda. L-imputat mar igiblu izjed siringi mic-Centru tas-Sahha ta' Bormla u rritorna bihom lejn il-garaxx. Halla lil Noel wahdu fil-garaxx, mar id-dar tieghu ftit il-boghod mill-garaxx u ltaqa' ma' Noel barra fi triqtu lejn il-garaxx. Meta mar lura lejn il-garaxx, waqqfuh il-pulizija. L-imputat cahad li huwa qatt biegh xi droga.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok, id-difiza fl-ebda stadju ma kkontestat l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Jirrizulta illi din l-istess stqarrija ttiehdet fl-24 ta' Marzu 2005 u cioe` fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010. Din il-Qorti

rreferiet ghal diversi sentenzi dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija fin-nuqqas ta’ assistenza legali qabel l-interrogatorju *inter alia* is-segwenti: **Il-Pulizija vs Alvin Privitera** u **Il-Pulizija vs Mark Lombardi** decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta’ April 2012 u fit-12 ta’ April 2012 rispettivament, **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta’ Ottubru 2012, **Il-Pulizija vs Amanda Agius** u **Il-Pulizija vs Tyrone Fenech**, decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta’ Frar 2013, **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Martin Dimech** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta’ April 2013, **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Antonio Abdilla et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta’ Mejju 2013, **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Carmel Saliba**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta’ Mejju 2013, **Il-Pulizija vs Jesmond Camilleri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta’ April 2013, **Il-Pulizija vs Alexei Zerafa**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta’ Lulju 2013, **Il-Pulizija vs Paul Cutajar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta’ Gunju 2013, **Il-Pulizija vs Deborah Osmond**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta’ Ottubru 2013 u **Il-Pulizija vs Robert Busuttil**, deciza mill-istess Qorti fl-20 ta’ Frar 2014, **Il-Pulizija vs Natassja Gouder**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta’ Mejju 2014 u **Il-Pulizija vs Ninian Mangion**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta’ Lulju 2014.

F’dan il-kaz, l-imputat kellu 52 sena meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu u in oltre mill-fedina penali tieghu, jirrizulta illi din ma kinitx l-ewwel darba li gie interrogat mill-Pulizija dwar reati konnessi mad-droga. Anzi mill-istess fedina penali jirrizulta illi kien hemm seba’ okkazzjonijiet, qabel din l-okkazzjoni, fejn huwa gie hekk interrogat. Ghalhekk zgur illi l-ambjent tal-interrogazzjoni ma kienx wiehed gdid ghall-imputat, kien midhla sew tal-pulizija u ma kienx ser jintimida ruhu bl-ambjent li fih sar l-interrogatorju tieghu. Ghalkemm l-imputat ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija tieghu, huwa ma allegax illi gie msawwat jew mhedded jew imqarraq biex ghamel l-istqarrija jew li kien ibati minn xi vulnerabilita` partikolari xort’ohra meta rrilaxxja l-istess stqarrija. Il-presenza ta’ avukat hija garanzija li ma jsirux abbuzi bhal dawn, izda ma saret l-ebda allegazzjoni mid-difiza li dan fil-fatt sehh fil-kaz tieghu. Minkejja n-nuqqas ta’ ghajnuna ta’ avukat, ghalhekk, ma kien hemm xejn illecitu jew abbuziv fit-tehid tal-istqarrija tal-imputat. L-imputat kien ukoll inghata s-solitu

twissija, qabel ma rrilaxja l-istqarrija tieghu, fis-sens illi huwa ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jitkellem, imma dak li jinghad jista' jingieb bhala prova. In oltre fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012, id-difiza stess ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq lil PC 351 bhala xhud tal-volontarjeta` tal-istqarrija tal-imputat.

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-istqarrija tal-imputat bhala prova ammissibbli f'dawn il-proceduri.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fit-tieni lok, fit-trattazzjoni finali taghha, id-difiza ssottomettiet illi stante illi mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta illi fuq *swab* mehuda mill-imgharfa, ma nstabet l-ebda droga, l-imputat ghandu jigi lliberat.

Issa veru illi, kif tghid id-difiza, mill-istess relazzjoni jirrizulta illi ma nstabitx droga fuq l-imgharfa elevata mill-garaxx in kwistjoni, kif jirrizulta wkoll illi fuq siringa li giet elevata mill-istess post, ma setghux isiru analizi stante li din kienet blukkata. Biss jirrizulta car mill-istqarrija tal-imputat illi kemm fil-jum ta' qabel li huwa rrilaxxja l-istqarrija tieghu, kif ukoll dakinhar stess, huwa kien abbuza mid-droga eroina. Tenut kont tal-fatt illi l-imputat jghid fl-istqarrija tieghu, illi huwa kien ilu jabbuza mid-droga eroina sa mis-snin tmenin u tenut kont tad-dettalji kollha li huwa ta fl-istess stqarrija, il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita dak li qal l-istess imputat f'din l-istqarrija, kif ma ssibx raguni ghalfejn ghandha tiddubita illi s-sustanza li abbuza minnha l-imputat kienet fil-fatt droga eroina. Terga' u tghid, imbaghad, dak li jghid l-imputat fl-istqarrija tieghu jsib korroborazzjoni fl-oggetti kollha li gew elevati mill-garaxx in kwistjoni. Jirrizulta kemm mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li ghamlu t-tfittxija fl-imsemmi fond, kif ukoll mir-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut, illi fil-fond instabu diversi oggetti relatati mal-abbuz tad-droga eroina ossia siringi mhux uzati, bicca *foil*, mgharfa, zewg kaxxi *citric acid*, *tissue* b'ticpis tad-demm u tlett

siringi ohrajn, wahda minnhom uzata u bid-demm. Dawn huma oggetti li lkoll jintuzaw sabiex tigi kkunsmata d-droga eroina u huma wkoll kompatibbli mad-deskrizzjoni moghtija mill-imputat dwar dak li huwa jghid li kien gara fil-jum in kwistjoni. Hekk per ezempju, l-imputat jghid illi fit-tieni jum, huwa u Noel preparaw l-eroina fil-garaxx, fejn fil-fatt instab ic-*citric acid*, li jintuza fil-preparazzjoni tal-eroina sabiex din tigi kkunsmata u jghid ukoll illi huwa kien mar igib is-siringi mic-Centru tas-Sahha u fil-fatt instabu wkoll numru ta' siringi godda. Apparti minn hekk ix-Xjenzat Godwin Sammut jghid fir-relazzjoni tieghu, illi huwa gie mghoddi *tissue* b'ticpis tad-demm (li tissemma wkoll mill-Ispettur Pierre Grech u minn PS 1044 Gordon Calleja fix-xhieda taghhom) u siringa wzata, bid-demm, li jindikaw ghalhekk li sar uzu mis-siringa.

F'dawn ic-cirkostanzi nonostante illi ma nstabitx droga fl-imgharfa misjuba fil-post imsemmi, il-Qorti ma tistax tinjora dak li qal l-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu u hija moralment konvinta illi kemm fil-jum ta' qabel, kif ukoll fil-jum in kwistjoni, huwa abbuza mid-droga eroina u li tal-inqas fil-jum ta' qabel, huwa ghamel dan flimkien ma' Noel Fenech. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi t-tieni imputazzjoni tirrizulta pruvata sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi.

Illi l-Qorti trid issa tghaddi biex tezamina jekk tirrizultax, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ossia dik dwar traffikar tad-droga eroina. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi wara li Fenech talbu biex jiehdu d-droga eroina flimkien u qallu li kellu bzonn jiehu l-eroina, huwa mar Bormla, hareg Lm8 u akkwista l-eroina, mar lura lejn il-garaxx u Fenech u hu kkunsmaw id-droga li kien ghadu kif xtara l-istess imputat, flimkien. L-ghada Fenech rega' talab lill-imputat sabiex jiehdu l-eroina flimkien. Fenech hareg Lm4, l-imputat hareg Lm4 ukoll u xtara pakkett eroina bil-prezz ta' Lm8. Fenech u hu marru fil-garaxx tal-imputat sabiex jikkonsmaw din id-droga u ppreparawha. L-imputat ikkonsma minn din id-droga, fil-waqt illi Fenech ma setax isib il-vina u l-imputat mar igiblu xi siringi mic-Centru tas-Sahha.

Fis-sentenza taghha tal-5 ta' Mejju 2008, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marco Galea**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi ta' dak komunement maghruf bhala *trafficking by sharing* ikkontemplat fl-ewwel proviso ghas-sub-artikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Is-subartikolu (9) in dizamina jipprovdi li ghar-reat, fost ohrajn, ta' bejgh jew traffikar ta' droga bi ksur tad- disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza ma jkunux applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 21 (inzul taht il-minimu) u 28A (sentenza ta' prigunerija sospiza) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll lanqas ma jkunu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation. Ir-rizultat ta' din il-projbizzjoni hi li fil-kaz ta' tali bejgh jew traffikar trid dejjem tigi applikata l-piena ta' prigunerija u ta' multa ghall-anqas fil-minimu taghhom – f'dan il-kaz, trattandosi ta' proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-minimu huwa ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' Euro 465.87. L-ewwel proviso ghal dan is-subartikolu gie introdott, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, bl-Att XVI ta' l-2006, u jipprovdi hekk:*

***"Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu…"*** *(sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x- xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak*

*li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat."*

Issa, fil-kaz in dizamina, ghalkemm fiz-zewg okkazzjonijiet l-imputat u Fenech abbuzaw mid-droga eroina flimkien u fl-istess post (jew almenu fit-tieni okkazzjoni din kienet l-intenzjoni, ghaliex jirrizulta li Fenech ma setax isib il-vina hekk kif l-imputat kien qed jikkonsma d-droga u sussegwentement, l-imputat hadlu siringi ohrajn; x'ghamel wara Fenech ma jirrizultax car mill-istqarrija tal-imputat), madankollu huwa nieqes wiehed mill-elementi ta' *sharing* kif spjegat fil-bran citat. Fiz-zewg okkazzjonijiet, l-imputat xtara l-eroina mhux biss ghalih, izda wkoll ghal Fenech, tant illi fiz-zewg okkazzjonijiet huwa xtara d-droga tista' tghid fuq l-inkarigu ta' Fenech u fit-tieni okkazzjoni terga' u tghid, Fenech hallas lill-imputat minn qabel ghal sehmu mid-droga li kien ser jixtri l-istess imputat. Fi kliem iehor, l-imputat ipprovda d-droga lil Fenech fiz-zewg okkazzjonijiet u fit-tieni okkazzjoni, versu l-korrispettiv ta' hlas, ghalkemm sussegwentement fl-ewwel okkazzjoni kkonsmaw id-droga flimkien u fit-tieni okkazzjoni ppruvaw jikkunsmawha flimkien. Ma kienx ghalhekk il-kaz li l-imputat kien qed jaqsam id-droga li kellu ghalih jew li kienet intiza ghalih ma' Fenech, ghaliex *a priori* huwa xtara d-droga ghalih u ghal Fenech. Ghaldaqstant, fil-waqt illi tqis illi l-Prosekuzzjoni ppruvat sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi, l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat, il-Qorti hija tal-fehma illi dan m'huwiex kaz ta' traffikar *by sharing* u konsegwentement m'huwiex applikabbli il-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi finalment l-imputat gie akkuzat ukoll talli kiser kundizzjoni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), kif preseduta mill-Magistrat Dr. A. Mizzi, fit-28 ta' April 2004. F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni ma prezentatx is-sentenza msemmija u ghaldaqstant, il-Qorti m'hijiex qed issib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena</u>**

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi minkejja li l-imputat ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, huwa kkopera mal-pulizija matul l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata minnu.

Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat li tinkludi *inter alia* sejbien ta' htija fir-rigward ta' pussess illegali ta' droga eroina f'sitt okkazzjonijiet u pussess illegali tar-raza tal-*cannabis* f'okkazzjoni ohra dwar liema l-imputat tqieghed taht Ordni ta' *Probation* fi tlett okkazzjonijiet, inghata liberazzjoni kundizzjonata fi tlett okkazzjonijiet ohrajn u gie kkundannat ghal piena ta' multa f'okkazzjoni wahda.

Qieset ukoll mill-banda l-ohra illi l-ammonti ta' droga nvoluti f'dan il-kaz jidher li kienu ammonti minimi, kif ukoll ic-cirkostanzi li taw lok ghall-kaz odjern u l-fatt illi l-imputat sab ruhu f'din is-sitwazzjoni b'konsegwenza tal-istorja twila ta' abbuz tad-droga da parti tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi qieset ir-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni (b) bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fl-imputazzjoni (a).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni (c) migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu hati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) u tikkundannah ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva u multa ta' sitt mitt Euro (€600), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti tikkundanna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti nominati fil-mori ta' dawn il-proceduri u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, sebgha u hamsin Euro u disgha u hamsin centezmu (€157.59) u dan ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mid-data ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti bhala Dokument PG1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------